DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Frar 2014

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2003/766/KE dwar miżuri ta' emerġenza biex ma jitħalliex it-tixrid ta' *Diabrotica virgifera* Le Conte fil-Komunità

(notifikata bid-dokument C(2014) 467)

(2014/62/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari r-raba' sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/766/KE [2] ma rnexxilhiex tevita t-tixrid tad-*Diabrotica virgifera virgifera* Le Conte, kif jidher mill-istħarriġ annwali mwettaq mill-Istati Membri skont dik id-Deċiżjoni. Dawk l-istħarriġiet ikomplu juru li *Diabrotica virgifera virgifera* Le Conte issa ġiet stabbilita f'parti kbira mit-territorju tal-Unjoni. Barra minn hekk, mhuwiex fattibbli li jitrażżan aktar it-tixrid u jeżistu mezzi ta' kontroll effettivi u sostenibbli li jimminimizzaw l-impatt ta' dak l-organiżmu fuq il-ħsad tal-qamħirrum, b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' skema tan-newba tal-uċuħ tar-raba'.

(2) Id-Deċiżjoni 2003/766/KE għandha għalhekk tiġi rrevokata.

(3) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/766/KE hija mħassra.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/766/KE tal-24 ta' Ottubru 2003 dwar miżuri ta' emerġenza biex ma jitħalliex it-tixrid ta' *Diabrotica virgifera* Le Conte (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 49).